# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## San Giovanni minn Avila 10 ta' Mejju

Giovanni minn Avila mistiku u kittieb, habib ta' San Injazju minn Lojola u kunsillier ta' Santa Tererza minn Avila kien sacerdot qaddis stmat gewwa Spanja tas-seklu XVI. Wara li kien intnesa' ghal sekli shah, il-kanonizazzjoni tieghu minn Pawlu VI qajmet interess fuqu. Il-biografu principali tieghu kien Luigi minn Granada.



Pierre H. Subleyeras, S. Giovanni d'Avila, 1746 circa, Museo del Louvre, Parigi

Giovanni twieled fis-sena 1500 gewwa Almodovar del Campo fi Spanja, xi mitt kilometru 'l boghod minn Toledo. L-origini tal-familja tieghu kienet lhudija. Huwa kien mibghut gewwa Salamaka biex jistudja l-ligi, imma ma hassux maqtugh ghaliha u wara li rega' lura d-dar ghadda tlett snin fit-talb u l-penitenza. Patri frangiskan tah parir biex jistudja l-filosofija u t-teologija kif fil-fatt

ghamel gewwa Alcala' bejn is-snin 1520 u 1526 taht il-gwida ta' Domenico de Soto. Fis-sena 1525 gie ordnat sacerdot u wara l-mewt tal-genituri tieghu huwa qassam parti kbira mill-wirt tieghu lill-foqra. Predikatur mill-aqwa xtaq imur missjunarju gewwa l-Messiku imma l-isqof ta' Sivilja zammu fi Spanja biex ixandar il-kelma t'Alla gewwa Andalusia.

Ghal disa' snin shah huwa xandar l-evangelju f'dan ir-regjun u Alla inqeda' bih biex hafna nies ta' kull eta u klassi socjali isibu mill-gdid lil Alla.

Mis-sena 1529  sas-sena 1538 huwa ppridka b'success kbir sakemm xi hadd akkuzah li fil-priedki tieghu kien qed ikun estrem wisq tant li xlewh li wasal biex jghid li fil-genna ma kienx hemm lok ghas-sinjuri. Imma wara li stharrguh, helsuh mill-akkuzi u gie milqugh b'ferh kbir mill-poplu.  Huwa kompla jippridka gewwa Cordova, Granada u Sivilja.

F'idejna waslet il-kitba tieghu spiritwali.  Fis-sena 1554 huwa marad imma xorta wahda kompla jisvolgi l-appostolat tieghu sakemm miet fil-10 ta' Mejju tas-sena 1569.

Gie dikjarat mill-Konferenza Episkopali Spanjola Patrun tas-Sacerdoti Djocesani' F'wahda l-kitbiet tieghu nsibu hekk: " Kristu jghidilna li jekk nixtiequ li ninghaqdu mieghu, jehtieg li nimxu fuq l-istess triq li ghadda minnha hu. Min jahseb li ser jakkwista l-qdusija b'hiltu dan ikun imqarraq."

Ikompli jikteb: " Qis lilek iniffsek bhal bicca tafal u ghid lill-Mulej li inti t-tafal u Hu hu l-fuhhari li jahdmu. Ghidlu jaghmel minnek dak li jrid.

"Iddistakka qalbek mid-dinja qabel Alla jiddistakkalek gismek minnha."

"Hajtek trid tkun qrib Alla. Biex taghmel hekk habrek li tiddistakka ruhek minn hwejjeg tad-dinja u ftakar li fi zmien qasir dawn ma jibqghux izjed tieghek".

"Gheziez huti, jiena nitlob lil Alla li jifthilkom ghajnejkom biex taraw x'tezori mohbija huwa jitfa' fuqkom bis-sahha tat-tribulazzjonijiet li d-dinja dejjem trid tahrab. X'unur hemm lest meta nfittxu l-glorja ta' Alla. It-tbatija prezenti ssir mezz ta' glorja tas-sema. Lil dawk li jbatu l-griehi fil-glieda biex jibqghu fidili lejn Alla, Alla joffrilhom l-id tal-hbiberija tenera tieghu."

"Mhux xieraq li l-Iben t'Alla ha t-triq tat-tbatija u ulied il-bnedmin jimxu t-triq ta' l-unur. Id-dixxiplu ma hux akbar mill-Imghallem u anqas il-qaddej ma hu akbar minn sidu."